# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

## IMHALLEF

## ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.

Rikors Numru: 934/97

Edward Camilleri

vs

Direttur Dipartiment tas-Sahha u b' digriet tal-14 ta' Dicembru 1999 Tabib Principali tal-Gvern u l-Ministeru tal-Ambjent li gie kjamat fir-rikors b' digriet tat-13 ta' April 2000

Illum 7 ta' Mejju, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' wara Mejju 1987 ir-rikorrent sofra ingustizzja f'li ma hariglux permess biex ikun jista' juza trakk ghal-Refuse Collecting.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor, illi r-rikorrent kien importa trakk bin-numru tar-registrazzjoni B-5702 specifikament bl-intenzjoni li juza dan it-trakk biex ikun jista' jahdem fir-Refuse Collecting, liema permess ghal dan ix-xoghol irid johrog mid-Dipartiment tas-Sahha u cioe` mir-Refuse Disposal Centre. Illi fil-fatt ir-rikorrent kien applika ghal permess mehtieg u anke pprezenta d-dokumenti kollha necessarji. Illi wara li r-rikorrent kien dam zmien twil jistenna r-risposta, huwa kien gie nfurmat li d-dipartiment ma kienx hareg il-permessi mehtiega.

Illi persuni ohra li applikaw wara l-applikazzjoni tar-rikorrent ghall-istess natura ta' permess u mahrug mill-istess Dipartiment inghataw dan il-permess. Illi b'kollox kien hemm sitt persuni ohra li nghataw il-permess biex ikunu jistghu juzaw trakkijiet taghhom ghal gbir ta' refuse. Illi minhabba dawn ir-ragunijiet r-rikorrent sofra ingustizzja u diskriminazzjoni kif ukoll tbatijiet finanzjarji li laqtu hazin lilu u l-familja tieghu.

Illi r-rikorrent kien bi hsiebu jgib quddiem dan it-Tribunal biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda kollha indikati fir-rikors.

Ghaldaqstant r-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat li johrog il-permess biex ikun jista juza t-trakk ghall-gbir ta' refuse u dan mid-data tal-applikazzjoni kif tidher fil-file relattiv li ghandu r-rikorrent mad-Dipartiment tas-Sahha jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' kif jiddeciedi dan it-Tribunal.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tat-Tabib Principali tal-Gvern li eccepixxa li preliminarjament il-persuna li tirrapprezenta lid-Dipartiment tas-Sahha hija t-Tabib Principali tal-Gvern u mhux id-Direttur tas-Sahha.

Illi di piu` minghajr pregudizzju ghas-suespost it-Tabib Principali tal-Gvern ma hux legittimu kontradittur stante illi il-permessi rigward il-hrug ta' trakkijiet ghal gbir ta' skart kienu jaqghu taht il-mansjoni tal-Ministru tas-Sahha u mhux tad-Dipartiment tas-Sahha.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra r-risposta tal-Ministeru ta' l-Ambjent li eccepixxa:

Illi qua Ministru huwa mhuwiex illeggittimu kontradittur stante li r-rapprezentanti tad-Dipartiment koncernat mhix vestita fih.

Illi l-ilment ma jaqax taht il-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal *rationae temporis*.

Illi fil-meritu t-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta stante illi l-eccipjent ma ikkommetta l-ebda ingustizzja fil-konfront tar-rikorrenti.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difenrui.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ikkonferma l-fatti kollha ndikati fir-rikors.

Ra il-verbal tal-25 ta' Lulju, 2000 fejn Dr. Borg Costanzi rrileva li mid-Dokument A a fol 3 tal-process ir-rikorrent kellu Import License bid-data tas-26 ta' Marzu 1987 u stante li l-ilment hu bazat fuq il-konsegwenzi ta' dik il-licenzja t-Tribunal m' ghandux gurisdizzjoni. Il-process gie ritornat fl-istess data lill-President tat-Tribunal biex jigu decizi z-zewg eccezzjonijiet preliminari fir-risposta tal-Ministeru tal-Ambjent u cioe`:

1. Illi qua Ministeru huwa mhuwiex il-legittimu kontradittur stante li r-rapprezentanza tad-dipartiment koncernat mhix vestita fih;

2. L-ilment ma jaqax taht il-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal ratione temporis.

**KONKLUZJONIJIET:**

L-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 jiddisponi li "Il-Gvern ghandu jkun rappresentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-

Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni." Imkien ma jinghad li r-rapprezentanza hija vestita f' idejn il-Ministru u hija eccezzjonalment biss li tali rapprezentanza hi vestita fil-Ministru koncernat (bhal fil-kaz tal-kawzi istitwiti kontra l-P.A.P.B.) jew kawzi li minn natura taghhom wiehed irid jistitwihom kontra l-Prim Ministru jew kontra l-Avukat Generali. Fil-kaz in ezami r-rikorrent ma ta ebda raguni ghaliex il-Ministru tal-Ambjent gie kjamat fil-kawza. Ghalhekk il-Ministru tal-Ambjent mhux il-legittimu kontradittur. [Ara wkoll Rikors 196/97 deciz fid-9 ta' Novembru, 1999 fl-ismijiet Mario Spiteri vs Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici; Joseph Grech vs Prim Ministru et 9/12/98; Eugenio Cutajar vs Ministru ghas-Sigurta' Socjali 9/3/99; u Joseph Farrugia vs Ministru tas-Sahha 28/10/99]. Dan huwa sufficjenti biex il-kawza tieqaf hawn fil-konfront tal-Ministeru tal-Ambjent u ghalhekk jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.

Stante li l-Ministeru gie liberat mill-osservanza tal-gudizzju mhux il-kaz li t-Tribunal jidhol fil-mertu tal-eccezzjoni l-ohra preliminari izda jerga' jinnomina lil Dr. Cassar biex tkompli tisma' l-provi f' dan il-kaz. Jiddiferixxi l-kawza ghal quddiemu ghat-3 ta' Dicembru 2002 fid-9.00 a.m.